# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — ĠUNJU 1947


# *L-ISTUDJU TAL-FILOLOGIJA*

*IL-FILOLOĠIJA l-lum ingħażlet bħala xjenza u l-istudju tagħha qegħdin jindaħlu għalih għorrief u mgħallmin imsemmijin u magħrufin fl-aqwa ċentri kulturali.*

*Darl wieħed kien jistudja u jaqra fuq il-filoloġija bil-fehma li jkattar il-għerf grammatikali u għalhekk il-filoloġija aktarx kien ikollha sehem indaqs bħal etimoloġija, sintassi u prosodija u l-erba' flimkien kienu jaqdu ta' taraġ biex wieħed jogħla fl-istudju tal-grammatika. Iżda l-lum il-għorrief għarfu li l-filoloġija hi l-muftieħ ta' tagħlim siewi li jitfa' dawl qawwi fuq il-ħajja, il-għerf u d-drawwiet ta' ġnus qodma li minnhom tnisslu n-nies li jitkellmu l-ilsien li wieħed jixtieq jitgħallem.*

*Il-filoloġija flimkien mal-friegħi l-oħra tax-xjenza, l-etnoloġija u l-arkeoloġija, jiswew biex ixerrdu tagħrif kbir fuq in-nisel u t-tiswir tal-popli u hekk jikxfu l-għata li jaħbi l-qedem fl-istorja; barra dan, igħinu wkoll biex juru l-effett li ħallew fuq il-popli tal-lum, in-nies li ħakmu u saltnu qabel. Din il-fehma kellu l-Kanonku Fortunato Ponzavecchia, meta, mitt sena ilu, fil-"Grammatica della Lingua Maltese" kiteb:* "la lingua... è a riguardo della filologia quel che è l'Isola, in cui lo stesso idioma si parla, in rispetto alla posizione geografica, cioè dell'Oriente e dell'Occidente, l'anello di lega, il centro, ed il punto di contatto e di transazione."

*Mela l-filoloġija tiswielna biex nikxfu l-egħruq u x-xniexel ta' l-ilsna u hekk barra li nkattru l-għerf tagħna fuq in-nisel tal-kelma inkunu nistgħu ngħożżu aktar id-don li Alla tana biex ninqdew ħalli nfissru l-ħsibijiet ta' moħħna u t-tqanqil ta' qalbna.*

*Fuq kollox il-filoloġija ta' l-ilsien hi waħda mis-sisien li fuqhom tinbena l-letteratura nazzjonali, għax ix-xogħlijiet letterarji kbar jintaġru u jintroqmu mhux ftit bil-għajnuna li jagħtu l-għorrief fl-istudji filoloġiċi tagħhom.*

*Dawn l-istudji filoloġiċi għal-letteratura qishom l-istudju tal-kuntrapont għall-mużika: bħalma l-kuntrapont jiswa biex*

*iqejjes u jgħallem kif jinbnew u jintrabtu u jiżżewqu n-noti mużikali, hekk l-istudju tal-filoloġija jaqdi ta' xempju biex fuqu jingħażel il-kliem tajjeb u xieraq ħalli jfisser sewwa l-fehma jew ir-rieda ta' min jikteb jew jitkellem.*

*Għalhekk qabel ma jkun hemm studju għaqli u meqjus fuq il-filoloġija tal-kliem, ma tistax tissawwar letteratura ta' ġmiel b'mezz ta' dak il-kliem.*

*Hawn Malta l-ħtieġa ta' dan l-istudju tan-nisel ta' lsienna, ilha li nħasset mijiet ta' snin; bdiet fis-seklu tmintax, meta l-Kanonku Ġan Pietru Franġisku Agius De Soldanis fil-ktieb tiegħu* (1) *qal* : "...essendo pochi coloro, i quali ne abbiano datu un qualche barlume ne' loro scritti, sufficiente ad appagare, non che la piena intelligenza della sua derivazione, donde ha tutti i suoi principii."

*Wara Agius De Soldanis dik il-ħtieġa baqgħet tinħass sa żmienna, iżda tneħħi xi erba' li dan l-aħħar intefgħu għal dan ix-xogħol skond kif titlob is-sengħa, il-biċċa l-kbira ta' dawk li ħabblu moħħhom fuq din ix-xjenza ma kellhomx it-tagħlim u t-tagħrif meħtieġ biex jidħlu għal dan ix-xogħol ta' reqqa u hekk dan is-suġġett ma kienx* "treated with the scientific fairness it deserves..." *kif kiteb sewwa l-Professur J. Aquilina* (2).

*Hekk ġara li għalkemm għandna bosta kotba dwar studji filoloġiċi ta' l-ilsien Malti, ftit huma x-xogħlijiet li wieħed jista' jorbot fuqhom. Il-Professur Aquilina, il-Professur Saydon, l-Avukat Ġ. Micallef, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Erin Serracino Inglott, kollha Membri Akkademiċi tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", kitbu fuq dan is-suġġett bil-għaqal u skond ma titlob ix-xjenza tal-lum u x-xogħlijiet tagħhom ma jagħmlux għajb lill-opri ta' awturi magħrufin mad-dinja kollha.*

*"Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li dejjem fittxet il-ġid u s-sedqa ta' l-ilsien tagħna, qatt ma baqgħet lura li ma wrietx ħrara kbira biex tħeġġeġ u tagħmel il-qalb lil min jitħajjar jintafa' għal dan l-istudju ta' din ix-xjenza tant meħtieġa għall-iżvilupp tal-lsien Malti u b'din il-fehma f'dan il-għadd ta' l-organu tagħha qiegħda tippubblika kontribuzzjonijiet fuq studji filoloġiċi u etimoloġiċi.*

---

(1) "*Della Lingua Punica...*" Roma, MDCCL.
(2) Prof. J. Aquilina—"*Race and Language in Malta*" 1945, paġ. 3.

*Ix-xewqa tagħna hi li nagħmlu l-ħila lil min jixtieq u jitħajjar jintafa' għall-istudji xjentifiċi tal-Malti, għax dawn jinħtieġu biex iqiegħdu fuq sisien aktar sħaħ il-bini tal-letteratura tiegħu. Għax fuq kollox jeħtieġ nifhmuha li min jistudja l-filoloġija jew l-etimoloġija jagħmel ġieh u ġid lil-letteratura nazzjonali daqs min jikteb poeżija.*